KUNSILL LOKALI VALLETTA | VALLETTA LOCAL COUNCIL

VALLETTA
*Città Umilissima*

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 19**

Tlieta 9 ta' Settembru 2014, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Raymond Attard, Raymond Azzopardi Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. L-Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti wkoll.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 18 li saret nhar It-Tnejn 11 ta' Awwissu 2014 fis-7.30pm kienu ikkonfermati.

Is-Sindku ssospenda l-laqgħa tal-Kunsill biex saret preżentazzjoni bl-Iskype dwar is-Sump – Malta Sustainable Urban Mobility Plan Award, li ser issir għal Belt Valletta. Il-Kunsillieri kellhom l-opportunita' li jistaqsu dwar din l-applikazzjoni u anke dwar informazzjoni ta' kif se jitmexxa l-proġett.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Il-kunsillier Raymond Attard nforma li hu kien xogħol għalhekk telaq. Nforma ukoll li mhux qed isir sew li l-laqgħa qed issir tard biex nagevolaw ċertu kunsillieri. Il-Kunsillier Attard nforma li hu fit- 8pm jkun irid jitlaq ghaliex ikun xogħol.

1.2 Il-Kunsillieri Raymond Azzopardi ikkundanna l-ittra li tkellmet dwarha s-segretarja ezekuttiva fil-laqgħa preċedenti.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma dwar l- kunsill dwar l-green city award. Is-Sindku nforma li wara l-presentation li saret allura l-kunsill kollu qabel li jippartecipa. L-Kunsill qabel dwar dan. Is-Sindku nforma li ser jigi iffirmat l-ftehim li ntbgħat min Dr Maria Attard.

2.2

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Il-Viċi Sindku Christian Darren Micallef nforma lill-Kunsill dwar l-esperjenza tiegħu ġewwa ċ-Ċina. Nforma wkoll dwar l-artiklu li kiteb fil-gazzetta in-Nazzjon. Nforma li tajjeb jekk nitolbu l-għajnuna lil MTA biex fl-2016 issir bid biex jew fl-2017 jew inkella 2018.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri nforma dwar iż-żjara tiegħu fil-Bulgaria.

3.3 IL-Kunsillier Raymond Attard nforma dwar li l-iskips ġewwa Strada Rjali l-isfel qed jitbattlu fil-5am. Raymond Attard nforma li hu ċempel lil Matthew Carbonaro biex nfurmawh dwar dan. Is-Segretarja stagbet peress li ma kienetx taf dwar dan. Kien hawnhekk li l-kunsillier Raymond Attard nforma lis-Segretarja b'lehen għoli u jipponta subajh lejha li hi kisritha Belt,

u li nies id-disgustati bl-għaġir tagħha. Il-Kunsillier Raymond Attard hawnhekk qam u telaq mill-kamra (8.45pm).

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 nil

## 5. AMMINISTRAZZJONI

5.1 Peress li l-accountant ma ġiex il-kunsill għaliex kellu leave l-iskeda tal-pagamenti ser titella fil-laqgħa li jmis

5.2 Is-Segretarja wriet id-dispjaċir tagħha għal mod kif giet trattata waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Nfurmat li mhux aċċettabli li kunsillier jgħolli leħnu mas-Segretarju Eżekuttiv biex jesprimi lilu nnifsu. Hi nfurmat li ser qed tikteb lid-dipartiment biex jkun infurmat b'dak li gara waqt din il-laqgħa.

**TMIEM**

Fl-21.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 14 ta' Ottubru 2014 fit - 19:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku